MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 1582/1999/1

**Sign It Limited**

**Vs**

**H.P. Cole Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erba mija, sebgha u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm487.03,0) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' oggetti u servizzi lill-konvenut moghtija mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Lulju, 1999 u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta mid-data tal-invoice numru 2211 u cioe' mit-12 ta' Frar 1999 li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 6 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikoli 2148(a) u (b) u 2149(a) tal-Kodici Civili.
2. Illi bla pregudizzju x-xoghol u s-servizz pprovdut ma kienx tal-kwalita' pattwita' u ghalhekk l-ammont mitlub ma hux dovut.
3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont reklamat huwa eccessiv.
4. Salvi ecezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza Taghha preliminari moghtija fi-6 ta' Mejju 2003 (fol 21 ibid) u li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-istess socjeta konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 29, fol 32, fol33 u fol 34 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-<u>meritu</u>, kif jidher mill-verbali hawn fuq citati, is-socjeta konvenuta inghatat l-opportunita' sabiex iggib provi in sostenn ta' dak eccepit minnha. Difatti ma ingiebet ebda prova sabiex turi li dak mitlub fl-avviz, ma ghandux jigi akkolt minhabba li x-xoghol u servizz resi lilha ma kienux tal-kwalita' pattwita u li l-ammont pretiz hu eccessiv, kif hemm allegat fl-eccezzjonijiet sottomessi. Illi, da parti tas-socjeta' attrici, gew prodotti <u>Reuben Caruana</u> (Fol 15 u 30 tal-atti) kif ukoll <u>Roberta Bonnici</u> (fol 18 ibid) li ikkonfermaw illi s-socjeta attrici kienet esegwit dak kollu li giet inkarigata mill-istess socjeta attrici minghajr ma din, filfatt, ghamlet xi lment dwar l-istess xoghol u servizzi, kif deskritti fl-istess xhieda, u l-prezz relattiv. Dwar dan, ta' min jinnota illi kif jidher a fol 31 tal-atti, is-socjeta konvenuta kienet inghatat "<u>prezz specjali</u>" ossija skont ta' Lm150.00,0.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl tal-provi kif esposti, jidher car illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta bl-imghax dekoribbli mill-10 ta' Frar

1999 (ara fol 15 ibid) u dan a basi tal-artikoli 1141(1) tal-Kodici Civili, trattasi ta' obligazzjoni kummercjali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm487.03,0 bl-imghax legali mill-10 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali legali tal-17 ta' Lulju 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------